MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**
**ONOR. IMHALLEF**
**DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.**

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 471/1987/1

**Joseph Attard**

**vs**

**Carmelo D'Amato**

**Il-Qorti,**

I. **PRELIMINARI**

1. F'din il-kawza l-attur qed jitlob li l-konvenut ikun ikkundannat ihallsu d-danni li jigu likwidati mill-Qorti, dovuti wara incident tat-traffiku li halla lill-attur b'debilita` permanenti. L-attur jallega li l-konvenut huwa unikament responsabli ghal dan l-incident tat-traffiku. Mill-banda l-

ohra, il-konvenut qieghed jichad din il-pretensjoni ta' l-attur.

2. L-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha fil-5 ta' Ottubru 1999. Is-sentenza sejra tigi riprodotta verbatim billi, apparti li tikkontjeni it-talbiet precizi ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, fiha hemm ukoll ir-retroxxena kollha relevanti li dik il-Qorti hadet in konsiderazzjoni biex wasslitha biex tiddeciedi il-kawza. Effettivement, b'din is-sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni u illikwidat danni li ikkundannat lill-konvenut ihallashom lill-attur, fl-ammont ta' ghoxrin elf hames mija u sittax liri u tmienja u sebghin centezmu (Lm20,516.78c). Ordnat ukoll lill-konvenut ihallas imghax legali mid-data tas-sentenza fuq dan l-ammont. Is-sentenza taqra hekk:

"Il-Qorti,

B'citazzjoni prezentata fit-18 ta' Gunju 1987 l-attur premetta li:

Fl-24 ta' Gunju, 1985 ghal habta tas-7:56 a.m. filwaqt li l-attur kien qed isuq il-motor cycle tieghu numru ta' registrazzjoni F 7255 il-konvenut li kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni T-5761, bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-mutur tal-attur u kkagunalu danni mhux biss fl-imsemmi mutur kif ukoll feriti ta' natura gravi u danni ohra konsegwenti u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi ta' dan l-investiment kien unikament responsabbli l-konvenut;

Peress illi ghalkemm interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala rizultat ta' din il-kollizzjoni anke permezz ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati minn din il-Qorti bhala rizultat ta' din il-kollizzjoni.

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut eccepixxa li:

1. L-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident 'de quo' ma kienx jahti l-eccipjent.

2. Isegwi, riferibilment ghat-tieni talba, li m'hemmx danni x'jigu likwidati, fil-konfront ta' l-esponent.

3. Jizdied isegwi li m'hemm ebda somma li l-esponenti ghandu jigi kundannat ihallas lill-attur bhala danni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

B'digriet tat-12 ta' Ottubru 1987 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat bhala Perit Legali lill-Avukat Dottor Joseph P. Bonnici sabiex jigbor il-provi u jirrelata. Huwa halef ir-relazzjoni tieghu fit-3 ta' Gunju 1994.

## **Relazzjoni tal-Perit Legali**

Il-Perit Legali kkonkluda li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u dan ghaliex huwa naqas li jzomm 'proper look out' ta' dak li kien qed jigri fil-vicinanzi quddiemu u ghalhekk ma rax u konsegwentement tajjar lill-attur liema attur kien qed isuq il-mutur tieghu ghad-dritt. Il-Perit Legali ta importanza lill-fatt li l-istess attur ammetta li lill-mutur ta' l-attur fl-ebda mument ma rah.

Il-Perit Legali llikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' sittax il elf, mitejn u wiehed u tmenin liri Maltin u

tmienja u sebghin centezmi (Lm16,281.78) u dan in kwantu ghal elf u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm1076.78) bhala *dannum emergens* u in kwantu ghal hmistax il elf, mitejn u hamsa liri Maltin (Lm15,205.00) bhala *lucrum cessans*. Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* il-Perit Legali addotta l-principju stabbilit f'"Butler vs Heard" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967. L-istess Perit Legali adopera r-rapport mediku tal-espert *ex parte* Dottor Charles Griscti fejn gie stabbilit li l-attur kellu dizabilita' permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Gie utilizzat *multiplier* ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u dan in vista tal-fatt li l-attur kellu seba' u ghoxrin (27) sena fil-gurnata tal-incident. Il-Perit Legali naqqas ghoxrin fil-mija (20%) bhala *lump sum payment*.

L-attur kien jaghmel xi xoghol *part time* qabel l-incident u sostna li bhala konsegwenza tal-istess incident ma setghax ikompli dan ix-xoghol *part time* ghaliex dan ix-xoghol kien jinvolvi strapazz. Il-Perit Legali naqas milli jiehu in konsiderazzjoni dan ix-xoghol *part time* ghaliex irritjena li l-fatt li l-attur kien ilu li waqaf jaghmel xoghol *part time* sa tlett snin qabel l-incident kien jirrendi dan ix-xoghol inapplikabbli ghall-finijiet ta' kalkoli ta' *lucrum cessans*.

B'nota prezentata fl-10 ta' Gunju 1994, il-konvenut talab in-nomina ta' periti perizjuri u rrileva wkoll li l-Perit Legali kien strah fuq rapport mediku *ex parte* u li ghalhekk kienet tinhtieg in-nomina ta' Espert Mediku appuntat mill-Qorti.

B'digrieti tal-21 ta' Gunju 1994 u 12 ta' Settembru 1994 gew nominati Dottor Joseph Ciappara u Dottor Ramon Rossignaud bhala Periti Addizzjonali u Mr. Frederick Zammit Maempel bhala Espert Mediku.
Il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif presjeduta fis-27 ta' Novembru 1996. Ir-rapport tal-Periti Legali Addizzjonali gie mahluf fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1997 filwaqt illi, kif awtorizzat mill-Qorti, il-Perit Mediku Addizzjonali halef ir-rapport tieghu fir-Registru fit-8 ta' Jannar 1998.

**<u>Relazzjoni tal-Periti Addizzjonali u ta’ l-Espert Mediku</u>**

Il-Periti Addizzjonali qablu mal-konkluzjoni tal-Perit Legali in kwantu ghar-responsabilita’ ta’ l-incident. Huma infatti kienu ta’ l-opinjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza. Huma sostnew li l-konvenut naqas milli jesplora tajjeb it-triq meta avvicina l-inkrocju u ghalhekk il-*lack of proper lookout* fis-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima ta’ l-incident awtomobilistiku odjern.

Il-Periti Addizzjonali kkonfermaw l-ammont ikkalkolat mill-ewwel perit bhala *dannum emergens* u cioe’ l-ammont ta’ elf u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1076.78) izda varjaw l-ammont kalkolat bhala *lucrum cessans*. Huma wkoll addottaw il-*multiplier* ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena ghaliex irritenew li kien xieraq ghall-bniedem li kellu sebgha u ghoxrin (27) sena fiz-zmien ta’ l-incident.

Il-Periti Addizzjonali izda fid-dawl ta’ sentenzi recenti ma qablux li l-*multiplicand* kellu jibqa’ tlett elef u wiehed u erbghin liri Maltin (Lm3041) u cioe’ l-ammont li l-attur qala’ fis-sena 1985. Il-Periti Addizzjonali sostnew li l-ewwel perit naqas milli jiehu in konsiderazzjoni il-fatt li fuq firxa ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena ser ikun hemm ziediet fil-pagi ziediet fl-gholi tal-hajja u ziediet fl-inflazzjoni in generali u ghalhekk addottaw *multiplicand* ta’ tlett elf u sitt mija liri Maltin (Lm3600. Huma ma qablux li kellu jkun hemm ghoxrin fil-mija (20%) *lump sum deduction* tenut in konsiderazzjoni l-fatt li l-incident sehh fl-1985 u li ghalhekk kienu ghaddew iktar minn tnax-il sena mid-data ta’ l-incident. In konformita’ ma’ gurisprudenza recenti huma nizlu l-*lump sum deduction* minn ghoxrin fil-mija (20%) ghal sitta fil-mija (6%).

Gie addottat il-grad ta’ debilitazzjoni ta’ tmintax fil-mija (18%) stabbilit mill-Espert Mediku mqabbad mill-Qorti u cioe’ Mr. Frederick Zammit Maempel.

A bazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Periti Addizzjonali hadmu l-*multiplier* bil-mod segwenti:

18% of Lm3,600 x 25 = Lm16,2000. Bi tnaqqis ta' Lm972 bhala 6% *lump sum deduction*, is-somma ta' Lm16,200 tinzel ghal dak li huwa *lucrum cessans* ghal Lm15,228.

L-ammont totali likwidat mill-Periti Addizzjonali kien ta' Lm16,304.78, in kwantu ghall-Lm15,228.00 bhala *lucrum cessans* u in kwantu ghal Lm1076.78 *dannum emergens.*

Il-Qorti ntalbet zmien mill-partijiet biex jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Effettivament dawna saru bl-invers: dik ta' l-attur fit-30 ta' Jannar 1998 u dik tal-konvenut fid-29 ta' Marzu 1999.

**Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Attur Joseph Attard**

L-attur in linea massima qabel mal-konkluzjonijiet tal-Periti Addizzjonali izda ghamel certi osservazzjonijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni minnhom maghmula u ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Id-danni immedjati sofferti fil-mutur ta' l-esponent kienu jammontaw ghal sitta u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm76.30) u ghalkemm l-attur xehed dwarhom, dawn ma gewx inkluzi fil-likwidazzjoni tad-danni.

2. L-attur irritjena li l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni r-rapport mediku *ex parte* ta' Mr. Charles Griscti ghal dak li jirrigwarda d-dizabilita' permanenti ta' l-attur u dan in vista tal-fatt li kien l-istess Mr. Griscti li sa mill-bidu nett segwa direttament il-kundizzjoni sofferta mill-istess attur.

3. L-attur irrileva wkoll li l-Periti Addizzjonali fil-kalkolazzjoni minnhom maghmula naqsu milli jiehdu in konsiderazzjoni l-introjtu ta' l-attur mix-xoghol li kien jaghmel *part time* u dan minghajr ebda raguni valida u partikolari u f'dan ir-rigward iccita gurisprudenza recenti ossia "Agius vs Borg" (Appell: 22 ta' Novembru 1995) u "Salomo et vs Attard" (Prim Awla - 23 ta' Jannar 1996).

4. Bhala rizultat dirett tad-dizabilita' sofferta mill-attur, huwa tilef opportunitajiet ta' *promotions* fuq ix-xoghol principali tieghu u ghalhekk dan l-element kellu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' kalkolazzjoni ta' *lucrum cessans*.

5. L-attur irritjena wkoll li l-*lump sum deduction* kellha titnehha kompletament u dan in vista tal-passagg ta' tant snin mid-data ta' l-incident u f'dan ir-rigward iccita sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tal-10 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet "Susan Davies vs Anthony Galea".

**Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-Konvenut**

Il-konvenut ma qabilx mal-konkluzzjonijiet peritali u cioe' li huwa kien unikament responsabbli ghall-incident ghaliex naqas milli jzomm *a proper look out*. Huwa jistaqsi, jekk l-attur ra fit-triq dak li kellu quddiemu, ghaliex ma zammx sew max-xellug? Li kieku ghamel hekk zgur ma kien jigri xejn jghid il-konvenut.

Dwar il-likwidazzjoini tad-danni maghmula mill-Periti Addizzjonali l-konvenut isostni li bhala fatt l-attur immiljora ruhu fil-hajja lavorattiva minn zmien l-incident sal-lum ghaliex mill-posizzjoni ta' *turbo electric plant operator* li huwa kellu meta sehh l-incident huwa llum spicca bhala Works Technical Officer.

Il-konvenut ghalhekk implora l-Qorti tiehu din il-konsiderazzjoni u taghmel distinzjoni bejn min tassew jonqoslu l-qliegh b'konsegwenza ta' l-incident u min effettivament ma jonqoslux il-qliegh.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel perit u tal-Periti Addizzjonali dwar l-attribuzzjoni ta' responsabilita' ghall-incident lill-konvenut. Jirrizulta ampjament mill-provi

li kienet il-*lack of proper look out* da parti tal-konvenut meta wasal fl-inkrocju l-kawza prossima ta' l-incident, specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-konfigurazzjoni partikolari tat-toroq fil-lokalita' fejn sehh l-incident. Il-konfigurazzjoni tat-toroq in kwistjoni fil-fatt timponi responsabilita' akbar fuq il-konvenut li jaccerta ruhu mit-traffiku li gej sija mix-xellug tieghu hu u niezel lejn il-Marsa u sija dak gej mid-direzzjoni opposta u cioe' fuq il-lemin tieghu minn fejn kien gej l-attur. Il-konvenut naqas milli josserva t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta u fil-fatt *ex admissis* qal li huwa fl-ebda mument qabel l-incident ma ra l-mutur misjuq mill-attur.
Kien ghalhekk dan in-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-konvenut li kkawza l-incident. F'dan ir-rigward japplika dak li qalet il-Qorti Kriminali in re. "Il-Pulizija vs John M. Laferla" (17.06.1961) "L-appellant xehed li hu ma rahx gej. Jekk hu hekk, din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juri li seta') u kien imissu rah u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out*.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-Periti Addizzjonali, il-Qorti taqbel ma' l-ammont likwidat bhala *dannum emergens* u cioe' is-somma ta' elf u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm1076.78). In kwantu ghall-ispejjes fil-mutur ta' l-attur u ammontanti ghall-sitta u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm76.30) il-Qorti tirrileva li huwa minnu li l-attur xehed dwarhom izda ghalkemm fis-seduta tal-20 ta' Frar 1985 (fol. 138 tal-process) huwa pprometta li ser jipprezenta l-ircevuti relattivi, huwa naqas milli jaghmel dan, u ghalhekk il-
Qorti m'hijiex ser tiehu dawn id-danni in konsiderazzjoni.

Rigward il-grad ta' dizabilita' permanenti, il-Qorti ser tistrieh fuq ir-rapport ta' l-espert mediku imqabbad minnha li jinsab a fol. 106 sa 109 tal-process, ghaliex jidrilha li dan jaghti stampa cara tal-kundizzjoni medika prezenti ta' l-attur u li l-istess Espert Mediku kellu l-opportunita' jezamina l-izviluppi fil-kundizzjoni medika tal-konvenut tul is-snin.

Il-Qorti ghalhekk ser taghmel taghha r-rapport mediku ta' Mr. Frederick Zammit Maempel fejn gie stabbilit li l-attur kien qed isofri minn dizabilita' permanenti ta' tmintax fil-mija (18%) u dana stante n-natura purament medika tieghu. Di piu' ghandu jinghad u dana minkejja l-emendi li saru fil-materja bl-Att XXIV tal-1995 li fejn ikun hemm konflitt fil-prova mressqa permezz ta' rapport ta' espert *ex parte* ma' prova ohra ta' espert imqabbad mill-Qorti, il-Qorti thoss illi, jekk ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji biex iwassluha taghmel mod iehor, hija ghandha tadotta l-prova ta' l-espert taghha.

Il-Qorti ser taddotta l-*multiplier* ta' tletin (30) sena u dan in linea ma' dak stabbilit minnha stess fil-kawza fl-ismijiet "Susan Davies vs Anthony Galea" (Prim Awla 10 ta' Ottubru 1997).

Dwar ix-xoghol *part-time* il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Perit Legali originali illi peress illi l-attur kien waqaf milli jkompli jaghmel dan ix-xoghol b'ghazla tieghu ghal aktar minn tlett snin qabel ma gara l-incident dan l-introjtu ma ghandux jitqies ghall-iskop ta' din il-likwidazzjoni.

Il-Qorti sejra wkoll tadotta l-*multiplicand* ta' Lm3600 u dana minkejja illi taqbel ma' dak sottomess mill-attur fin-nota tieghu dwar l-eta' zghira ta' l-istess attur u l-effett li dan l-incident jista' jkollu fuq il-promozzjonijiet tieghu. Irid pero' fl-ewwe lok jigi kkunsidrat illi din is-somma kienet gia' giet mizjuda mill-Periti Addizzjonali mis-somma mehuda mill-Perit originali. Di piu' ma jistax jigi ghal kollox injorat dak li jissottometti l-konvenut fil-paragrafu erbgha (4) tas-sottomissjonijiet tieghu. Dan il-punt ippreokkupa lil din il-Qorti kif presjeduta sew mil-lat legali sew mil-lat ta' ekwita' u gie minnha ezaminat fis-sentenzi "Salamo et vs Attard " (Deciza fit-23 ta' Jannar 1996) u

"Davies et vs Galea" (Deciza fl-10 ta' Ottubru 1997). F'dik is-sentenza l-Qorti qalet:

"*Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece jistriehu biss fuq il-fatt ta' disabbilita' minghajr ma jsir ezami profond*

*jekk dik id-dizabbilita’ hijiex verament sejra tikkaguna telf futur.*

*Din is-sistema ma hijiex l-ahjar wahda pero’ hija l-unika wahda accettabbli sakemm ma jinholoqx makkinarju fejn dawn il-materji ma jinghalqu qatt u allura, bhal fil-kaz ta’ l-alimenti, dritt stabbilit ikun jista’ jigi varjat minn zmien ghal zmien skond ic-cirkostanzi.*

*Ma hemmx dubju li mil-lat ta’ ekwita pura din is-sistema hija preferibbli. Jekk rizultat dirett ta’ l-incident id-danni rizultanti minkejja li jikkawzaw biss dizabbilita’ marginali f’individwu, b’konsegwenza taghhom jisfa bla xoghol, allura l-kumpens tieghu ghandu jkun ferm akbar minn ta’ dak li b’dizabbilita’ akbar jipprogredixxi b’certu mod fil-hajja li minkejja l-incident ma jsofri ebda telf futur.*

*Fl-izvilupp prezenti pero’ tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta’ certezza u nuqqas ta’ ambigwita’ jimponu teorija li tesigi li kull tip ta’ dizabbilita’ permanenti twassal ghal telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha.*”

In vista tal-fatt li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh fl-1985, il-Qorti thoss li m’ghandu jkun hemm l-ebda *lump sum deduction* u dan ukoll in linea ma’ dak stabbilit minnha stess fil-kawza fl-ismijiet “Susan Davies et vs Anthony Galea” (10 ta’ Ottubru 1997) citata aktar ‘il fuq.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija id-danni sofferti mill-attur ghandhom jigu likwidati b’dan il-mod:

*(a)* *dannum emergens*: Lm1076.78.
*(b)* *lucrum cessans*: Lm3600 x 30 x 18% = Lm19,440.

TOTAL ta’ Lm20,516.78.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u cioe' dak li gara fl-24 ta' Gunju 1985 f'Hal-Luqa;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' ghoxrin elf lira hames mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezimu (Lm20,516.78) kif fuq spjegat;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawn id-danni hekk likwidati u dana bl-imghax legali millum u bl-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba."

## II. **L-APPELL**

3. Il-konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk appella minnha quddiem din il-Qorti. Huwa qieghed jissottometti li l-ewwel Qorti ma messha qatt sabet lill-konvenut responsabbli ta' l-incident u allura ma messha qatt ikkundannat lill-istess konvenut ihallas dak il-quantum ta' danni li illikwidat. Ghalhekk il-konvenut appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tichad it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat. In oltre, l-appellant, bla pregudizzju u subordinarjatament, talab ukoll li din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza appellata, fis-sens li r-responsabilta` ghall-incident tigi ripartita bejn il-kontendenti fi grad ugwali u l-quantum likwidat bhala lucrum cessans jigi drastikament rivedut u ridott biex isir tassew realistiku kif imsfisser fir-rikors ta' l-appell.

4. L-attur appellat, fir-risposta ta' l-appell tieghu, spjega ghaliex is-sentenza appellata kienet, fil-fehma tieghu, gusta. Huwa talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-interezza kollha taghha.

5. Dan l-appell instama' mill-Qorti, kif issa preseduta, fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2002, f'liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

III. **KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. Il-konvenut qieghed jikkontesta d-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li sabitu unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni. Qieghed jissottometti li huwa m'ghandu l-ebda responsabbilta` ghal dan l-incident, u, fl-aghar ipotesi, dik ir-responsabilta` ghandha, se mai, tigi ripartita bejn il-kontendenti fi gradi ugwali. L-appellant spjega l-aggravju tieghu dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta`, b'dan il-mod:

"In succint li gara kien dan:

Fil-24.06.85 xi t-8am l-esponent kien isuq Escort Nru T – 5781 sejjer ghax-xoghol minn Hal Luqa lejn il-Marsa. L-attur appellat kien isuq m/cycle Honda Nru F – 7255 f'direzzjoni opposta.

L-incident gara fejn hemm "Y". L-esponent kien sejjer mid-driegh xellugi tal-"Y" lejn is-sieq wieqfa (ghalkemm mhux dritta xama). L-attur kien sejjer mis-sieq wieqfa lejn id-driegh xellugi izda fi trieqtu kellu borg ramel jestendi sew 'l barra u kien f'dal-kontest li gara l-incident.

Da parti tal-esponenti, il-karregjata proprja tieghu kienet il-linja li wiehed jiehu meta mid-driegh xellugi tal-"Y" jigi ghad-dritt. Da parti tal-attur ma kellux ghalfejn johrog safejn hareg u se mai, jibqa` lura meta jara l-"oncoming traffic" ghax, wara kollox, l-ostaklu kien fi trieqtu. L-esponent sostna u ghadu jsostni dak li xehed u cioe` li "il-habta saret billi l-mutur skiddja ghal fuqi u dahal fuq il-m/guard tal-lemin ta' quddiem". Kulma halliet b/marks il-car tal-esponent kienu 3m."

7. Din il-Qorti tinnota li fuq il-kwistjoni tar-responsabbilta` ghall-incident, kemm l-ewwel perit legali u kemm wkoll il-periti addizzjonali kienu unanimi li jahti unikament ghal dan l-incident kien biss il-konvenut. L-ewwel Onorabbli Qorti ikkondevidiet din il-konkluzjoni ta' l-imsemmija periti u ghamlitha taghha. Din il-Qorti regghet fliet akkuratament il-provi kollha li tressqu fil-process, u zammet quddiem ghajnejha mhux biss l-iskizz ippreparat mill-pulizija li jinvestigaw il-kaz, izda anke is-site plans li jinsabu esebiti a fol. 47 u 48 tal-process u li juru

ezattament il-lokalita` ta' fejn gara l-incident meritu tal-kawza. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-kawza prossima ta' l-incident kien, ezattament, in-nuqqas tal-konvenut li jzomm "a proper look out". Jirrizulta sodisfacentiment ghal din il-Qorti wkoll li l-konvenut naqas li jesplora tajjeb it-triq hekk kif kien sejjer javvicina l-inkrocju in kwistjoni, b'mod li naqas li josserva t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta, fuq in-naha tal-lemin tieghu. Minn hemm kien gej l-attur, li kien qieghed izomm man-naha tieghu tat-triq. L-attur, li kien qieghed isuq il-mutur tieghu b'mod regolari, kif diga intqal fuq in-naha tieghu tat-triq, ma kellu ebda responsabbilta` ghall-incident in kwistjoni u konsegwentement il-konvenut huwa responsabbli ghad-danni li sofra l-attur. Dawn id-danni konsegwenzjali jemanaw mid-debilta` permanenti li sofra l-appellat bhala rizultat tal-incident in kwistjoni.

8. L-appellant qieghed iressaq aggravji ukoll fil-konfront tal-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti. Huwa jghid hekk:
"Apparti l-kwistjoni ta' responsabilta`, fir-rigward tal-quantum likwidat bhala lucrum cessans (Lm19,440) jigi osservat dan:

a) investiti bil-5%, Lm19,440 jatu p.a. .......... Lm 972.00
b) investiti bit-8%, Lm19,440 jatu p.a. .......... Lm1555.20

- <u>fiz-zewg kazi il-kapital jibqa' bla mittiefes</u>

c) jekk minn naha l-ohra wiehed jiehu 18% (grad ta' dizabilta`) tal-qliegh annwu ta' Lm3600 li l-Qorti hadet bhala medja, dan igib Lm648 u <u>ebda somma kapitali ta' qrib l-Lm20000 f'idejn id-danneggjat</u>.

Il-Gustizzja titlob li wiehed ihares sew lejn iddanneggjat kif ukoll lejn l-obbligat.

Issa hawnhekk hu floku li jissemma wkoll li, ex admissis, id-dannegjat (l-attur appellat) ha promozzjonijiet. Wara kollox, il-kumpens jew likwidazzjoni ta' danni ma ssirx in

vacuo, izda, ghalkemm jigu osservati certi kriterji oggettivi, dejjem hemm fin-nofs l-individwu.

L-Ewwel Onorabbli Qorti stqarret, car u tond, li dak li qed jghid l-esponent dwar il-likwidazzjoni "ma jistax jigi ghal kollox injorat" u li dal-punt "ippreokkupa" lil dik il-Qorti. Issa dik il-Qorti ma kkonfutatx (la "ghal kollox" u anqas in parti) dak li osserva l-esponent fir-rigward. Dik il-Qorti kulma osservat hu li ma sabitx sistema ta' komputazzjoni ghajr dik li sabet f'xi sentenzi minnha stess citati."

9. Din il-Qorti sejra tirriproduci wkoll testwalment ir-risposta tal-attur appellat ghal dawn l-aggravji li ressaq l-appellant:

"Illi dwar l-quantum likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti bhal lucrum cessans, l-aktar fejn jirrigwardja t-tnehhija tal-lump sum deduction u tal-multiplier ta' tletin sena kif gie deciz u addottat rispettivament minn dik il-Qorti, ghandu jinghad fl-ewwel lok illi l-Ewwel Onorabbli Qorti wasslet ghall-konkluzjonijiet imsemmija in linea ma' dak li jitqies bhala d-'dover' taghha (fin-nuqqa ta' principju ta' stare decisis fis-sistema gurisprudenzjali tal-Qrati taghna), u cioe` in linea ma' dak li diga` huwa pacifiku fil-gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna fil-konfront ta' kazijiet pju` o meno analogi, bhal ma huma dawk li gew ikkwotati mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata taghha. Huwa risaput illi dan huwa minnu hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi jezistu ragunijiet ta' natura daqstant gravi illi jiggustifikaw il-varjazzjoni tar-regola: ragunijiet illi f'dan il-kaz ma rrizultax.

Illi inoltre, ma huwiex ghal kollox korrett dak li sostna l-konvenut appellanti f'paragrafu 12 tar-rikors ta' l-Appell tieghu, u cioe` illi l-Ewwel Onorabbli Qorti "stqarret, car u tond" illi l-punt li kien ghamel il-konvenut appellanti fin-nota ta' osservazjonijiet tieghu konsistenti f'distinzjoni bejn min tassew jonqoslu l-qliegh b'konsegwenza ta' incident u min effettivament ma jonqoslux il-qliegh, kien "ippreokupa" lil dik il-Qorti, u dan minhabba l-fatt illi fis-sentenza taghha appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti rikonnoxxiet id-dover taghha f'dawn ic-cirkostanzi, jigifieri li tezamina dak li kien

diga` gie kkonstatat u ribadit mill-Qrati taghna f'kazijiet analogi, u fil-fatt ikkwotat dak li kien gie ddikjarat f'sentenza recenti taghha, u cioe` illi s-sistema li fuqha strahet il-Qorti fis-sentenza appellata: "...hija l-unika wahda accettabbli...[u]...li il-bzonn ta' certezza u nuqqas ta' ambigwita jimponu teorija li tesigi li kull tip ta' dizabilita` permanenti twassa ghal telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha."

F'dan il-kuntest, l-argomentazzjoni maghmula fil-paragrafu 9 tar-Rikors ta' l-Appell, ma ssib assolutament ebda riskontru la logiku u lanqas gudizzjarju, u jmur kontra l-mod kif il-kwistjoni ta' likwidazzjoni ta' quantum f'kazijiet simili giet introdotta fl-ewwel kazijiet miljari Butler vs. Heard u sussegwentement bi zvilupp gudizzjarju meqjus u gust sas-sentenzi tal-lum."

10. Din il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li dawn l-lamenti li l-appellant qed iressaq quddiem din il-Qorti, kienu kollha gew mehudha in konsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta tat is-sentenza taghha. L-aggravju ta' l-appellant huwa bazikament dan: l-attur baqa' bl-impjieg tieghu, anzi anke ha xi promotion, u ghalhekk, nonostante d-debilita` permanenti li sofra, huwa ma sofra l-ebda telf ta' qliegh. Minn din il-premessa allura, l-appellant johrog il-konkluzjoni li l-attur m'ghandu dritt ghall-ebda kumpens jew hlas ta' danni.

11. Li kieku l-Ewwel Qorti accettat din it-tezi tal-konvenut, kieku kienet tinkorri f'ingustizzja manifesta ma' l-appellat. Il-ligi taghna diga` ma taghti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugieh u skumdidajiet li min isofri debilta` permanenti neccessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti neccessarjament ikollu jghaddi minnha.

12. Apparti din il-konsiderazzjoni, il-Qorti tapprezza li difficilment wiehed isib xi sistema li taghmel gustizzja perfetta mal-partijiet kollha. Dana billi fil-likwidazzjoni tal-hlas ta' danni minn incidenti bhal dawn, wiehed bil-fors irid

izomm quddiem ghajnejn l-asjem tac-cirkostanzi kollha li jistghu jaffettwaw il-kaz. Dawn ic-cirkostanzi hafna drabi jkunu jinkludu fatturi li jkunu pjuttost ta’ natura imponderabbli. Hekk per ezempju fil-kaz odjern, din il-Qorti ma setghetx ma tikkunsidrax certi ipotesijiet, fosthom dawn:- fl-ipotesi li l-attur ma sofriex id-debilita` permanenti li effettivament sofra, min jaf jekk kienx ikun aktar possibbli ghalih li javanza fil-karriera lavorattiva tieghu billi ibiddel l-impjieg u jsib xoghol iehor aktar lukrattiv? Tistaqsi ukoll: fl-ipotesi li l-attur ma sofriex id-debilita` permanenti li sofra u fl-ipotesi li huwa baqa` impjegat fl-istess impjieg li baqa’ impjegat fih, kien hemm xi haga li zzommu milli jerga’ jaqbad ix-xoghol *part-time* li qabel kien jaghmel bhala *electrician* u *plumber*? Huwa fatt rikonoxxut minn kulhadd li haddiem biezel li jkun irid jghin lilu nnifsu frekwentement jiehu xoghol *part-time* ghaliex huwa tiramite dan ix-xoghol li hafna haddiema jkunu jistghu jghollu l-livell ta’ hajja taghhom. Fil-kaz odjern irrizulta li l-attur kien jahdem bhala *electrician* u plumber fuq bazi part-*time* izda kien waqaf jaghmel dan ix-xoghol xi tlett snin qabel ma gara dan l-incident. L-attur insista li waqaf jaghmel dan ix-xoghol *part-time* minhabba li huwa kien qieghed jipprepara biex jizzewweg u kien qieghed ilesti d-dar fejn kien bi hsiebu jmur joqghod mal-mara futura tieghu. Meta l-Ewwel Qorti ghamlet il-likwidazzjoni tad-danni, hija ma haditx in konsiderazzjoni dan ix-xoghol *part-time* li l-attur kien jaghmel. Ghamlet hekk ghax irrizultalha li l-appellat li kien waqaf jaghmel dan ix-xoghol ghal aktar min tlett snin qabel ma gara l-incident. Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix riservi dwar din il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti. Dan ghaliex filwaqt illi l-attur kellu xelta jekk jaghmilx jew le dan ix-xoghol *part-time* qabel l-incident, wara l-incident in kwistjoni li fih sofra d-debilita` permanenti in kwistjoni, huwa ma kien baqghalu l-ebda xelta, ghaliex certament ma setax ragonevolment jintriga b’dan il-kwalita` ta’ xoghol minghajr ma jesponi ruhu ghal aktar hsara lil sahhtu. Ghalhekk, din ic-cirkostanza certament affetwat il-qliegh potenzjali ta’ l-attur liema qliegh potenzjali minn dan is-sors, gie rimoss minhabba l-incident in kwistjoni.

13. Din il-Qorti fliet akkuratament il-metodu li l-Ewwel Qorti uzat biex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni li sofra l-attur, u, apparti il-konsiderazzjoni maghmula fil-paragrafu precidenti, din il-Qorti taqbel sostanzjalment mal-metodu li uzat l-Ewwel Qorti ghal-likwidazzjoni in kwistjoni. Certament din il-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha fil-kaz ma sabet l-ebda fattur ta’ sustanza li jista’ jiggustifika li din il-Qorti tiddisturba l-ezercizzju li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti biex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur appellat.

14. Ghal dawn il-motivi:
Il-Qorti qeghda tichad l-appell interpost mill-konvenut u tikkonferma, fis-sens premess, is-sentenza ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti, inkluz id-dekorrenza ta’ l-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata. L-ispejjez, anke ta’ din l-istanza jibqghu akkarigu tal-konvenut.

Dep. Reg.
df